MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 89/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. James Grech)**
**Vs**
**Raymond Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant/appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Frar, 2009, bejn is-2.00am u t-03.15am, gewwa Floriana u l-Belt Valletta, id-diversi atti maghmulin minnu, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ikkommetta serq ta' flus u oggetti li jammontaw aktar minn EUR239.94, ghad-detriment ta' Anabel Agius detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 334579M u Concetta Agius detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 274454M, liema serq huwa kwalifikat bil-Valur u bil-Hin;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqgha ghandu jew xtrara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod indahal biex ibiegghom jew imexxihom;

3. u aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrat Malta, liema sentenzi gew definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Frar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 279(a) u 280(1), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza peress illi din hija alternattiva ghall-ewwel akkuza, sabitu hati tal-kumplament u kkundannatu ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta' Frar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjoni w astjeniet illi tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, u tirriformaha billi tipprovdi ghall-piena aktar mita w idonea fic-cirkostanzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-5 ta' Marzu, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu w cioe' dik relattiva ghas-serq kwalifikat bil-valur u bil-hin u l-addebitu tar-recidiva, tikkonfermaha kif ukoll f'dik il-parti tas-sentenza fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni relattiva ghar-ricettazzjoni, filwaqt li tirrevokaha w thassaraha f'dik il-parti relattiva ghall-piena fejn ikkundannat lill-appellat biss ghal sitt xhur prigunerija w minflok ghar-ragunijiet fuq premessi, tinfliggi l-piena idoneja kontra l-appellat skond il-ligi ghar-reat u l-addebitu tar-recidiva li nstab hati dwarhom kif hawn fuq imsemmi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-appellant irregola ruhu ma’ l-ewwel opportunita’ illi kellu quddiem il-Qorti tal-Magistrati u in oltre sabiex ipatti ghan-nuqqas tieghu li ghalih sofrew terzi, hallas l-ammont indikat mill-parti leza w cioe’ l-flus kontanti illi ngibdu mill-ATM kif ukoll il-valur tat-telefon cellulari;
Illi mir-rapport redatt mill-probation officer jirrizulta illi l-appellant hu persuna nieqes minn motivazzjoni sabiex jahdem izda ma jipprekludix mill-possibilita’ li l-appellant jitqieghed taht probation order;
Illi l-appellant kellu problemi li jemergu minn familja bi problemi socjali kbar u li ftit taghtu l-gwida necessarju sabiex jistrada ruhu kif imiss fil-hajja;
Illi jidher car anke mill-istess rapport tal-probation officer li hu opportun li l-appellant jibbenefika minn nomina ta’ ufficjal ta’ probation officer sabiex dan ikun jista’ jghinu jirrintegra ruhu fis-socjeta’.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti kienet minhabba fix-xorta jew kwantita’ taghha differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-persuna misjuba hatja tkun giet sentenzjata, kif ukoll peress li hija piena mtaffija wisq tenut kont tac-cirkostanzi ta’ dan il-kaz ukoll fid-dawl tal-plurirecidivita tal-istess appellat.
L-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija huma alternattivi wahda ghall-ohra w dan jidher li sar fuq skorta ta’ diversi sentenzi ta’ dawn il-Qrati. L-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-applikazzjoni tal-artikolu 18 f’dan il-kaz u tant hu hekk li fil-parti dispozittiva tas-sentenza, l-Ewwel Qorti m’ghamlitx riferenza ghal dan l-artikolu. Dan jista’ wkoll li sar in bazi ghal gurisprudenza tal-Qrati nostrani li sahqu matul iz-zmien li l-applikazzjoni tal-artikolu 18 huwa wkoll diskrezjonarju fuq il-Qrati. Sa Hawnhekk l-appellant jista jihem li f’dan il-kaz l-Ewwel Qorti ezercitat diskrezzjoni li kienet fis-setgha taghha.

Mill-banda l-ohra jidher li l-Ewwel Qorti meta giet biex teroga l-pienaghar-reat ta' serq kwalifikat bil-valur u bil-hin, naqset milli tqis dan ir-reat fid-dawl tal-artikoli 279(a) u 280(1) tal-Kodici Kriminali fid-dawl tal-artikolu 20 tal-istess Kodici. Dan qed jinghad ghaliex il-piena erogata f'dan il-kaz kienet dik ta' sitt xhur prigunerija. Skond l-artikolu 279(a) tal-Kodici Kriminali l-piena erogabbli f'dan il-kaz kellha tkun bejn hames xhur u tliet snin prigunerija. L-artikolu 280(1) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi li f'kaz bhala dan ta' serq kwalifikat bil-valur akkumpanjat bi kwalifika ohra li mhux il-mezz u l-vjolenza, l-piena erogabbli ma tistax tinghata fil-minimum preskritta. L-Artikolu 20 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi li f'kaz bhal dan, il-piena li tinghata ghandu dejjem ikun fiha ghall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum. Issa f'dan il-kaz, il-minimum huwa dak ta' hames xhur prigunerija mentri l-maximum huwa dak ta' tliet xnin prigunerija ossija sitta w tletin xahar. B'hekk id-differenza bejn il-minimum u l-maximum tammonta ghal 10.33 xhur. F'dan il-kaz huwa evidenti li sitt xhur prigunerija ma jirrispettawx dak prekritt mill-artikolu 20 tal-Kodici Kriminali.

Apparti minn hekk il-Qorti tal-Magistrati (Malta) rat li f'dan il-kaz kien hemm lok li taghmel riferenza ghall-fedina penali tal-appellat li hija wahda mzewqa gmielha b'diversi reati. Anzi sabet il-htija in bazi ta' dan l-addebitu. Biss minkejja dan, fil-fehma tal-appellant ma jidhirx li dan giet adegwatament riflessa fil-piena li giet inflitta. Il-piena fil-kaz li Qorti ssib li kienet tezisti r-recidiva tista' tizdied bi grad. Skond l-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali, meta wiehed jikkonsidra z-zieda li piena tista' tizdied, almenu fil-minimum taghha, fil-kaz ta' piena ta' 10.33 xhur, meta din tizdied bi grad, il-piena toghla ghal piena ta' tlettax il-xahar prigunerija.

F'dan il-kaz, ir-recidivita' mhix biss imsejsa fuq l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, izda wkoll skond l-artikolu 289 tal-istess Kodici. Fil-verita' l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni dan l-artikolu meta mill-fedina penali tal-appellat jidher li l-istess appellat huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 ta' Jannar 2007.

Fil-kaz ta’ recidiva stabbilita b’dan l-artikolu l-piena tista’ tizdied anke b’zewg gradi. Biss anke dan huwa fakultattiv fuq il-Qorti u din setghet legalment u ragonevolment tasal li timponi zieda bi grad wiehed biss.

Fil-fehma tal-appellant, f’kuntest fejn il-probation officer Ivan Sultana kkonkluda li mhux rakkomandabbli li l-appellat jaghmel servizz fil-komunita’ u fejn jidher bic-car li l-appellant inghata diversi opportunitajiet li jirriforma ruhu izda li ma waslu mkien, hlief li jaghtiha ghal hajja ta’ delinkwenza, l-appellant ma riedx jitghallem. Il-Qorti ghalhekk kellha tiehu dan kollu realment in konsiderazzjoni fil-piena taghha, li fil-fehma tal-Avukat Generali, minbarra li ma kienitx tirrispetta l-minimum stabbilit mill-artikolu 20 tal-Kodici Kriminali, kienet fi kwalunkwe kaz imtaffija wisq.
Inoltre fil-fehma tal-appellant, l-Ewwel Qorti ma ccitatx ragunijiet specjali u straordinarji li jiggustifikaw li tinzel taht il-minimum preskritt mill-Ligi ai termini tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. U fi kwalunkwe kaz, ebda tali cirkostanzi ma kienu jezistu f’dan il-kaz.

Ikkunsidrat :

Dana huwa appell ta’ l-Avukat Generali peress illi deherlu li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tmur anqas mill-minimu minn dak stabbilit mill-ligi.

B’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tal-15 ta’ Frar, 2010, wara li l-appellat Raymond Borg ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu sabitu hati ta’ serq ikkwalifikat bil-valur u bil-hin u kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija.

Din il-Qorti taqbel mal-argument migjub mill-Avukat Generali li din il-piena hi fil-fatt taht il-minimu.

Il-piena ghal serq ikkwalifikat bil-valur u bil-hin hija regolata bl-artikolu 279 (a) u 280 (1) tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 279 (a) jghid illi “l-piena ghal serq ikkwalifikat bil-valur biss, li ma jkunx izjed minn elf lira, l-piena ta’ prigunerija minn hames xhur sa tlett snin.” L-artikolu 280 (1) jghid “meta s-serq ikkwalifikat bil-valur ikun

akkumpanjat b'wahda jew izjed mill-kwalifiki l-ohra izda mhux b'dik tal-vjolenza jew tal-mezz, il-hati jehel skond il-kaz il-piena msemmijjin fl-ahhar artikolu qabel dan izda dawn ma jinghatawx fil-minimu taghhom.

Sa hawn il-piena ta' sitt xhur moghtija mill-Ewwel Qorti mihix fil-minimu, pero` l-artikolu 20 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi li f'kaz bhal dan, il-piena li ghandha tinghata ghandu dejjem ikun fiha ghall-inqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.

F'dan il-kaz allura, din id-differenza tammonta ghall-piena ta' ftit aktar ghaxar xhur. Apparti minn hekk, gew esebiti f'dawn l-atti diversi sentenzi kif ukoll il-fedina penali tal-imputat, illi hija wahda refrettarja mhux hazin.

F'dan il-kaz l-Ewwel Qorti kellha ssib li tezisti r-recediva, fejn allura l-piena tizdid bi grad li, skond l-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali, fil-kaz ta' piena ta' ghaxar xhur dina tizdid bi grad ghal dik ta' tlettax-il xahar prigunerija, li huwa l-minimum illi l-Ewwel Qorti setghet erogat fil-kaz ta' l-appellat.

Din il-Qorti ma jidhirlix illi ghandha tapplika l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali sabiex tmur taht il-minimum illi ssemmi l-ligi.

Ma jezistux cirkostanzi u konsiderazzjonijiet partikolari sabiex din il-Qorti tiggustifika l-applikazzjoni tal-artikolu 21. I

Il-fedina penali tal-appellat kif ukoll il-hajja refretarja tieghu huma ta' ostakolu sabiex il-Qorti tista' b'xi mod tikkonsidra dan l-ahhar artikolu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa` l-appell ta' l-Avukat Generali, tikkonferma l-ewwel sentenza fejn sabet lill-appellat hati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, tikkonfermaha wkoll fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni peress illi dina hija alternattiva tal-ewwel imputazzjoni, izda tirrevoka w thassar dik il-parti fejn erogat il-piena ta' sitt xhur

prigunerija w minflok tikkundanna lill-appellat ghal piena ta’ prigunerija ta’ tlettax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------